Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13545/18

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0265(COD)**

**CODEC 1787**
**FSTR 68**
**FC 62**
**REGIO 103**
**SOC 648**
**AGRISTR 81**
**PECHE 429**
**CADREFIN 298**
**POLGEN 195**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u r-riżorsi għall-investiment għat-tkabbir u l-impjiegi **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fit-28 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq[1], ibbażata fuq l-Artikolu 177 TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018[2]. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.

3. Fit-23 ta' Ottubru 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[3].

[1] 10642/18.
[2] Għadha mhix ippubblikata.
[3] 13319/18.

3. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 57/18, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.